**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 148/2024 MS*

**Margarita Megally Cassar, Eugenie Megally, Polycarpus Megally u Anastasia Megally Cassar**

**Vs.**

**Kap Eżekuttiv ta' l-Isptar Mater Dei**
**Supretendent tas-Saħħa Pubblika**
**Onor. Ministru tas-Saħħa**

Illum, 28 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 2K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fil-21 ta' Marzu, 2024 li bih, wara li ġie premess hekk:

Illi r-rikorrenti Margarita Megally Cassar hija l-armla tal-kompjant Dr Naged Megally li gie nieqes fil-5 ta' Lulju 2023 fl-Isptar Mater Dei, filwaqt li r-rikorrenti l-ohra huma wlied l-istess Dr Naged Megally.

Illi r-rikorrenti assistiti mill-avukati difensuri taghhom ghamlu talba lill-Kap Ezekuttiv ta' l-Isptar Mater Dei tramite l-funzjonarju tal-istess Sptar li hu responsabbli ghall-Kamra Mortwarja, David Grima, ghar-rilaxx tal-kadavru ta' Dr Naged Megally.

Illi dina t-talba giet rifjutata verbalment mill-avukati tal-Isptar u sal-lum l-ebda rifjut bil-miktub ma gie mibghut lir-rikorrenti jew lid-difensuri taghhom.

Illi dan ir-rifjut, ghalkemm sar verbalment biss, qed jimpedixxi lill-membri tal-Familja Megally milli jirtiraw il-kadavru tal-ghaziz taghhom Dr Naged Megally peress li l-awtoritajiet tal-Isptar ma jridux jirrilaxxjawh.

Illi r-rilaxx tal-kadavru ta' persuna mejta lill-qraba tieghu huwa dritt sagrosant. L-agir illegali u abbuziv tal-intimata Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei jammonta ghal htif ta' persuna mejta, Dr Naged Megally, li fil-frattemp qed ikompli jiddeterjora b'dispjacir enormi ghall-membri tal-Familja tieghu. F'dan ir-rigward, l-intimata Kap Ezekuttiv irrifjutat għal kollox illi tipprovdi lill-esponenti informazzjoni dwar kif qed jinżamm il-kadavru sabiex jiġi assigurat illi qed jiġi ppreservat kif meħtieġ.

Illi l-imġieba tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei tammonta għal vjolazzjoni tal-prinċipji tal-etika medika u tar-rispett li hi u s-subalterni tagħha huma obbligati li jirrispettaw id-dinjità tal-persuna mejta.

Illi dan l-agir illegali u abbuziv jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja, dritt li hu garantit mill-**Artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-avukati tal-Isptar Mater Dei qalu lir-rikorrenti li qeghdin jagixxu "**in accordance with the law**", izda dan mhux minnu ghax il-ligijiet ta' Malta imkien ma jghidu li l-awtoritajiet tal-Isptar ghandhom id-dritt izommu l-kadavru tal-persuna mejta kontra l-volonta` tal-Familja tieghu, lanqas ghal gimgha, wisq anqas ghal kwazi disa' xhur shah, jigifieri mill-5 ta' Lulju 2023 sad-data tal-preżenti rikors.

Illi kif ġie ritenut mill-Qrati ta' Strasburgu, dan id-dewmien mingħajr ebda raġuni valida, illi qed iċaħħad lir-rikorrenti milli jidfnu lill-għażiż tagħhom fi żmien raġjonevoli, huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom sanċiti skont l-artikolu 8. L-istess ingħad mill-Qrati dwar it-trattament tal-kadavru qabel ir-ritorn tiegħu lill-familja.

Illi in oltre', bl-aġir imsemmi tal-intimata Kap Eżekuttiv tal-Isptar illi qed tirrifjuta mingħajr ebda raġuni valida illi tirrilaxxa l-kadavru tal-imsemmi Dr Megally, ir-rikorrenti qed jiġu mċaħħda mill-possibilita' illi jagħmlu l-investigazzjonijiet kollha neċessarji *post mortem* in konnessjoni mal-mewt ta' Dr Megally u l-kundizzjoni medika rari illi huwa kellu.

Illi d-deprivazzjoni diretta jew indiretta mill-Istat jew l-entitajiet fi ħdanu għal tali informazzjoni, tammonta għal vjolazzjoni serja tal-jeddijiet tal-familjari tal-mejjet stante l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-mewt ta' persuna hija dritt invjolabbli tal-familja illi hija wkoll protetta bl-artikolu 8.

ir-rikorrenti għaddew biex, filwaqt li r-rikors tagħhom jiġi ttrattat b'urġenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali, jitolbu lill-Qorti jogħġobha:

(1) tizgura t-twettiq ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u illi l-istess Artikolu 8 jigi rispett mill-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei minnufih;

(2) tiddikjara u tiddeciedi illi r-rifjut tal-intimata Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei li tirrilaxxa l-kadavru tal-kompjant Dr Naged Megally lill-membri tal-Familja tieghu jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

(3) tordna r-rilaxx immedjat tieghu lill-armla tieghu u lil uliedu mingħajr ebda kundizzjonijiet;

(4) bil-ghan li tizgura li dan isir, tordna lill-marixxalli tal-Qorti biex jagixxu bl-assistenza tal-Pulizija u jwettqu l-ordni tal-Qorti sabiex il-kadavru jigi rilaxxjat lill-Familja Megally minnufih;

(5) tordna li jinhargu l-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet tal-Isptar, l-intimati l-oħra u l-entitajiet fi ħdanhom u minn kull awtorita` kompetenti ohra sabiex il-kadavru tieghu jkun jista' jigi mahrug mill-Isptar minnufih.

B'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti, inkluż iżda mhux limitatament għall-ħlas tad-danni nkorsi minnhom.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-intimati fis-26 t'April 2024[1], li permezz tagħha ġie eċċepit kif ġej:

1. Illi l-esponenti ġew notifikati bir-rikors kostituzzjonali fit-8 ta' April 2024 u permezz tas-segwenti qegħdin iresqu s-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

2. Illi għal kull buon fini, l-esponenti jirrilevaw illi huma ġia' wieġbu għat-talba għal ħruġ ta' miżura *ad interim* u dan permezz ta' risposta intavolata fil-15 t'April 2024, f'liem risposta ġie rilevat b'mod espliċitu kif ir-rikorrenti għamlu referenza għall-kronoloġija tal-fatti b'mod skorrett. Huwa għalhekk li f'dan l-istadju l-esponenti jħossu illi ikun opportun illi, sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha stampa iktar ċara tal-fatti pertinenti għall-kawża in kwistjoni, jirrilevaw il-kronoloġija korretta tal-fatti u dan billi, ai fini tal-ekonomija tal-atti, jagħmlu referenza għall-fatti hekk kif ġia' ġew dikjarati fir-risposta għal-miżura ad *interim* sopraċitata

3. Illi qabel xejn u mingħajr preġudizzju, l-esponent jistqarru illi din il-kawża hija waħda **frivola u vessatorja** għal kollox. Dan jingħad għaliex, kif sejjer jiġi spjegat f'din ir-risposta u kif sejjer jiġi trattat fil-mori ta' din l-kawża, l-allegata leżjoni li qegħdin jilmentaw dwarha r-rikorrenti hija unikament kaġun tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet żbaljati li ħadu r-rikorrenti stess sa mill-ġurnata tal-mewt ta' Dottor Naged Megally fil-5 ta' Lulju 2023. Infatti, jidher ċar li r-rikorrenti qegħdin jużaw dina l-kawża kostituzzjonali, li hu rimedju straordinarju u eċċezzjonali, sabiex jippruvaw jittrasferixxu t-tort għad-dewmien għad-dfin tal-kadavru ta' Dr Naged Megally fuq l-esponenti, dewmien li huwa unikament imputtabli u attribwibbli lir-rikorrenti. Dan kollhu jista' jiġi mislut minn analiżi tal-proċess u d-digrieti tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, l-korrispondenza bejn il-familjari tal-kompjant Megally u l-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll l-protest u l-kontro-protesti relattivi li ġew intavolati qabel din l-kawża (dokumenti annessi mar-risposta għal-ħruġ ta' miżura *ad interim*);

[1] A fol.119.

4. Magħdud mal-premess, l-esponenti jħossu li għandhom jagħmlu referenza għal dak li din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta osservat fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2024 fl-ismijiet **Renato Zampa et vs Avukat tal-Istat** (appellata) meta qalet illi:

*"28. Hija sfortuna li llum, l-azzjonijiet Kostituzzjonali qed jsiru b'mod mill-aktar leġġer bħal pastizzi, għal kull ħaġa ta' xejn, daqs li kieku kienu azzjonijiet ordinarji, meta l-azzjoni Kostituzzjonali hija speċjali u straordinarja. B'dan il-mod qed tkun svalutata il-ħtieġa ta' din l-azzjoni. Għalhekk ir-regola taħt artikolu 46(2) u 4(1) rispettivament tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 illum tikseb importanza aktar minn qabel."*

Illi l-esponenti jaqblu kompletament ma' dan l-insenjament u huma tal-umli fehma illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tapplika u tagħmel tagħha l-insenjament sopraċitat għall-kawża odjerna;

<u>**Eċċezzjonijiet Preliminari**</u>

5. Illi mingħajr preġudizzju u preliminarjament, l-esponenti intimati Kap Eżekuttiv tal-iSptar Mater Dei, Supretendent għas-Saħħa Pubblika u l-Onor. Ministru għas-Saħħa jirrelevaw li huma mhumiex <u>**il-leġittimi kontradittur**i</u> għat-talbiet tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad f'dan l-istadju l-intimati esponenti m'għandhom l-ebda setgħa illi jirilaxxaw l-kadavru, u dan *stante* illi ġialadarba r-rikorrenti rrifjutaw l-offerta tal-iSptar Mater Dei li ssir l-awtopsja ta' Dr Naged Megally, u dan sabiex ssir inkesta u ergo awtopsja taħt is-supervizjoni tal-Qrati Kriminali, u dan permezz ta' proċeduri li intavolaw huma quddiem l-Qrati ta' Ġurisdizzjoni . Illi għalhekk humatefgħu r-riedni f'idejn il-Qrati, b'dan illi jekk l-esponenti jordnaw ir-rilaxx tal-kadavru f'dan l-istadju, se jkunu qegħdin jikkontravjenu d-deċiżjonijiet ta' dawk il-Qrati.

6. Oltre minn hekk, mir-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni tal-iSptar sabiex ma jiġix rilaxxat il-kadavru tant illi jgħidu: *"dina t-talba [rilaxx tal-kadavru] ġiet rifjutata verbalment mill-avukati tal-Isptar u sal-llum l-ebda rifjut bil-miktub ma ġie mibgħut lir-rikorrenti jew lid-difensuri tagħhom"* u għalhekk hawn ukoll kellhom rimedji ordinarji li setgħu jusufriwixxu ruħhom minnhom sabiex jiskrutinizzaw tali għemil.

7. Rigward kwalunkwe allegazzjonijiet jew ilmenti dwar il-mod ta' kif twettqu l-imsemmija investigazzjonijiet, inkjesti o menu, ir-rikorrenti kellhom ukoll rimedji ordinarji

appożiti, fil-konfront ta' terzi mhux parti minn dawn l-proceduri, sabiex jindirizzaw dawk l-ilmenti, Għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjern u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi b'rabta ma' dak kollu suespost, , jingħad għalhekk li dina l-kawża hija intempestiva *stante* li r-rikorrenti kellhom **rimedji ordinarji, accessibbli, xieraq, effettiv u adegwati**[2] spettanti lilhom skont il-liġi, liema rimedji ma ġewx eżawriti qabel ma ġiet intavolata din l-azzjoni kostituzzjonali. Ibda biex, l-Isptar Mater Dei kien ġia offra illi ssir awtopsja eżatt wara l-mewt ta' Dr Naged Megally, liema offerta ġiet rifjutata, u in oltre l-Isptar Mater Dei illum il-ġurnata irrid jimxi ma' digrieti mogħtija mill-Onorabbli Qrati Kriminali li ċaħdu it-talbiet għar-rilaxx tal-kadavru, liema digrieti bl-ebda mod ma ġew revokati jew kien hemm attentati sabiex ma jibqgħux fis-seħħ.

9. Illi magħdud u mingħajr preġudizzjoni mas-suespost, minn analiżi tal-allegazzjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur kif ukoll dawk imqajjma quddiem il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali u l-Protest Ġudizzjarju, jirriżulta b'mod ċar illi fil-verita' dak li qegħdin jallegaw ir-rikorrenti huwa li dan huwa każ ta' mewt suspettuż u li l-intimati allegatament ippruvaw jaħbu b'xi mod il-propja kawża tal-mewt ta' Dr Naged Megally. Illi apparti l-fatt li dawn l-ilmenti **ma jaqgħux taħt il-parametri tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, tali allegazzjonijiet diġa' ġew għal kollox skartati għal darba darbtejn mill-Magistrat tal-Għassa Inkwerenti u mill-Qrati Kriminali, wara illi r-rikorrenti stess għażlu li jitfgħu l-*vires* f'idejn dawk il-Qrati wara illi rrifjutaw l-awtopsja kif proposta mill-iSptar.

10. Jidher ċar mir-rikors promotur li r-rikorrenti qegħdin jittantaw jużaw proċeduri kostituzzjonali bħala **Qorti tat-tielet istanza** ħalli dak li ma rnexxielhomx jottjenu mill-Onorabbli Qorti Kriminali, il-Qorti kompetenti li iddeċidiet fuq din il-materja, jottjenuh minn dina l-Onorabbli Qorti. L-esponent jistmerr u jikkundanna dan l-aġir għaliex m'huwa xejn ħlief abbuż totali mill-proċedura u ħela ta' ħin ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha.

---

[2] F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet 'Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et' fejn il-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Rik Nru. 31/2010) qalet is-segwenti u cioe' li r-rimedju ordinarju għandu jkun *"rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dak il-ksur. Fl-istess waqt, m'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit"*.

11. Di piu' l-eżerċizzju ta' *forum shopping* bl-intavolar ta' kawża kostituzzjonali mhuwiex ir-rimedju idoneju fiċ-ċirkostanzi u għalhekk l-esponenti filwaqt li jisħqu li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tagħti widen għall-vantazzjonijiet frivoli tar-rikorrenti, jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentament tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tiċħadhom *in toto.*

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin.

13. Illi fl-ewwel lok, mhuwiex veru li l-esponenti ċaħdu lir-rikorrenti mill-possibilita ta' rilaxx tal-kadavru ta' Dr Naged Megally, iżda jingħad li tali rilaxx irid isir skont il-liġi u fl-interess tas-saħħa u s-sigurta pubblika, u ċjoe' sabiex issir id-difna appożita u dan f'ottemporanza sħiħa mad-digrieti u deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Ordinarji. Għalhekk isegwi li l-ebda azzjoni tal-intimati mhi qiegħda tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. Illi bla ħsara għall-premess għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawża, jissokta jingħad li l-esponenti qajla jistgħu jifhmu b'liema mod sejra tiġi mkasbra l-privatezza ta' ħajjet ir-rikorrenti għall-għanijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għas-sempliċi fatt li l-intimati jew min minnhom ġew ordnati li ma jmisshux il-kadavru ta' Dr Naged Megally u jżommuh biss preservat, u offrew lir-rikorrenti li ssir awtopsja post mortem u qed jistennew li l-intimati jaghmlu l-arrangamenti neccessarji sabiex issir d-difna tad-decujus. L-esponenti lanqas ma jifhmu kif bl-għaġir tagħhom in osservanza tal-ordni mogħtija mill-Qorti Kriminali, in vista ta' proceduri mibdija minnhom, qieghda twassal sabiex l-intimati qieghdin jindaħħlu dwar il-mod kif ir-rikorrenti jgħixu l-ħajja privata tagħhom.

15. Illi f'kull każ anke jekk stess l-għaġir tal-esponenti jew min minnhom kellha titqies bħala sura ta' ndħil f'ħajjet ir-rikorrenti, xorta waħda dan l-għaġir ma jistgħax jitqies bħala inkompatibbli mad-dispost tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan għaliex skont is-subinċiż (2) tal-artikolu 8, indħil huwa dejjem permessibbli jekk dan

ikun skont il-liġi u jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Sewwasew f'dan il-każ, l-esponenti qegħdin isegwu l-ordni tal-Qorti Maltija f'ġurisduzzjoni kriminali, li għandha kull dritt skont il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħti dawk l-ordnijiet għall-interess tal-ġudizzju tal-proċeduri quddiemha, u l-esponenti għandhom kull dritt jieħdu l-azzjonijiet neċessarji sabiex id-decujus jingħata r-rispett u d-dinjita' li ħaqqu filwaqt li jissalvagwardjaw is-saħħa pubblika skont il-liġi Maltija. M'hemmx dubju li dawn l-azzjonijiet sopraċitati saru sabiex jiġu salvagwardjati is-saħħa pubblika kif ukoll id-dinjita' tad-decujus sakemm jingħata l-mistrieħ xieraq lilu u jindifen skont il-liġi. Illi għaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti kif imsejjes fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa manifestament mingħajr bażi legali u għalhekk għandu jiġi miċħud.

16. Illi l-allegat dewmien għar-rilaxx tal-kadavru li qegħdin jilmentaw dwaru r-rikorrenti fir-rikors huwa esklussivament attriwibbli lilhom stess *stante* illi huma fetħu proċeduri ai termini tal-artikolu 546(4A) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li matulhom l-intimati kellhom jippreservaw l-kadavru tal-kompjant Megally fil-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei, li hija l-unika faċilita' f'Malta li hija attrezzata bit-tagħmir neċessarju għal dan l-iskop. Illi wara li dawk l-proċeduri u l-allegazzjonijiet vantati minnhom fallew quddiem il-Qrati ta' Ġurisprudenza Kriminali, issa hemm insistenza ta' rilaxx, mingħajr kundizzjoni, tal-kadavru, xi ħaġa li tmur kontra l-liġi, kontra is-saħħa pubblika u sigurta pubblika.

17. A kuntrarju ta' dak li jgħidu r-rikorrenti fir-rikors promotur, l-esponenti ma irrifjutawx milli jsir *post mortem* fuq il-kadavru. Effettivament, kienu r-rikorrenti stess illi meta ġew offruti tali possibilita, ċaħduha għaliex xtaqu li din issir taħt l-awtorita' tal-Qorti (sive para 20 tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), annessa bħala Dok. A mar-risposta għal ħruġ ta' miżura ad interim). Id-deċiżjoni li ma ssirx inkjesta u allura awtopsja taħt l-awtorita' tal-Qorti ma ġietx mittieħda mill-esponenti iżda mill-Qrati għal darba darbtejn.

18. Minn dan kollu isegwi li l-intimati ma għamlu xejn skorrett iżda ħadu id-deċiżjonijiet tagħhom skont l-liġi u skont dak li hu meħtieġ f'soċjeta demokratika, b' rispett sħiħ ukoll lejn l-Awtorita' tal-Qorti, fl-interess tas-sigurta pubblika u għal- protezzjoni tas-saħħa jew morali.

19. Illi it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante illi r-rilaxx mill-kamra

mortwarja tal-kadavru ta' Dr Naged Megally li miet fil- 5 ta' Lulju 2023 għal skop ieħor għajr għad-difna huwa illegali, kontra l-interess u s-sigurta pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa.

20. Illi stante illi din il-kawża hija purament intempestiva u t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji, l-esponent umilment jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara dan fis-sentenza tagha.

21. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġaladarba r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

3. Rat id-dikriet tagħha mogħti fis-17 t'April 2024[3], li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-għoti ta' miżura provviżorja konsistenti mir-rilaxx tal-katavru tat-Tabib Megally lill-familja tiegħu;

4. Semgħet ix-xiehda u eżaminat id-dokumenti kollha eżebiti;

5. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, flimkien mal-atti tal-proċeduri kriminali allegati skont l-ordni ta' din il-Qorti mogħti fis-26 t'April 2024;

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

7. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni li biha r-rikorrenti qed jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom kif protett mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema

[3] Ara fol.115.

vjolazzjoni seħħet minħabba li, skonthom, l-intimati mhux qed jaċċettaw li jirrilaxxaw f'idejhom il-katavru tat-Tabib Naged Megally, li tiegħu ir-rikorrenti Margarita Megally Cassar hija l-armla, filwaqt li r-rikorrenti l-oħrajn huma wliedu.

9. Illi l-fatti rilevanti għal dan il-każ jistgħu jiġu riepilogati kif ġej:

   i. it-Tabib Naged Megally miet fil-5 ta' Lulju 2023 fid-Dipartiment tal-Kura Intensiva fl-Isptar Mater Dei. Iċ-ċertifikat mediku tal-mewt tiegħu, li ġie ffirmat mit-Tabib Angela Sultana fil-31 ta' Jannar 2024, jispjega li l-kawża tal-mewt kienet «*Refractory Hypoxaemia + Hypotension due to (or as a consequence of) Sepsis (Lung) due to (or as a consequence of) Intestinal Necrosis due to (or as a consequence of) Sterioral Perforation*»[4];

   ii. wara l-mewt ta' Dr Megally, il-familja Megally kienet oriġinarjament talbet li ssir awtopsja mill-Isptar stess. Irriżulta li l-Isptar aċċetta li dan isir[5]. Din l-awtopsja però ma saret qatt għaliex id-dokumenti neċessarji sabiex din l-awtopsja ssir, u li jridu jiġu ffirmati mill-familjari, ma ġew qatt effettivament iffirmati[6]. Ir-raġuni kienet li r-rikorrenti, li kienu qed jissuspettaw li kien hemm negliġenza min-naħa tal-Isptar Mater Dei fil-kura somministrata lit-Tabib Megally, ma kellhomx fiduċja f'awtopsja kondotta mill-Isptar stess, u għalhekk f'dak l-istadju talbu l-ftuħ ta' inkjesta dwar l-*in genere*[7];

   iii. jidher illi r-rikorrenti kienu l-ewwel għamlu rapport lill-Pulizija[8], u minħabba f'hekk l-Ispettur Woods kien għamel kuntatt mal-Maġistrat li kienet għassa dakinhar. Meta rriżulta li l-Isptar kien iddikjara li kien f'pożizzjoni li joħroġ ċertifikat tal-mewt, il-Maġistrat tal-Għassa ċaħdet li ssir inkjesta maġisterjali, b'dan li dderiġiet lill-Pulizija jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom jekk jidhrilhom li kienu neċessarji;

[4] Ara fol.19.
[5] Ara x-xiehda tat-Tabib Joseph Debono, a fol.186 u a tergo.
[6] Ara x-xiehda ta' David Grima, a fol.134, kif ukoll ix-xiehda tar-rikorrenti Margarita Megally Cassar, a fol.136-137 u ta' Eugenie Megally, a fol.171-172. Ara wkoll fol.151 u 152.
[7] Ara x-xiehda in kontro-eżami tar-rikorrenti Margarita Megally Cassar, a fol.141.
[8] Ara fol.106 tal-atti kriminali.

iv. jirriżulta li fis-6 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti ressqu rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex, għar-raġunijiet minnhom imfissra fl-istess rikors, u ai termini tal-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali, jiġi ordnat li tinżamm inkjesta maġisterjali dwar il-mewt tat-Tabib Naged Megally. B'dikriet mogħti fis-6 ta' Lulju 2023, ġiet ordnata n-notifika ta' dan ir-rikors, kif ukoll ġiet ordnata l-eżibizzjoni tal-*file mediku* intier pertinenti għat-Tabib Megally, u ġie wkoll ordnat, b'mod provviżorju, li l-kadavru tat-Tabib Megally ma jindifinx f'dan l-istadju;

v. b'rikors ieħor preżentat fid-19 ta' Lulju 2023[9] (wara li saru talbiet mill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern għall-proroga taż-żmien għar-risposta), ir-rikorrenti talbu li r-rikors tagħhom tas-6 ta' Lulju 2023 jiġi dekretat b'urġenza anki fin-nuqqas ta' risposta, u fin-nuqqas, li jiġi ordnat illi jiġi maħtur espert sabiex iżomm awtopsja fuq il-katavru in meritu u wara li ssir l-istess awtopsja, tawtorizza r-rilaxx tal-istess katavru għad-dfin. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Lulju 2023, dawn it-talbiet ġew miċħuda.

vi. Wara li ġiet preżentata r-risposta tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, ingħata dikriet fis-27 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat in-notifika tal-istess risposta lir-rikorrenti b'terminu għar-replika, kif ukoll ġiet appuntata seduta sabiex jixhdu wkoll tobba nvoluti fil-każ. Intalab differiment ta' din is-seduta mill-avukati tar-rikorrenti, li wassal biex is-smigħ tal-proċeduri jiġi differit għad-9 t'Awwissu 2023[10];

vii. Sadanittant ir-rikorrenti wieġbu għar-risposta tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern fis-7 t'Awwissu 2023. Inżammet is-seduta tad-9 t'Awwissu 2023, li fiha xehdu is-Superintendent Mario Haber u l-Ispettur Shamus Woods. Is-smigħ ġie differit għall-1 ta' Settembru 2023 sabiex ir-rikorrenti jkollhom l-opportunità jeżaminaw il-*files* mediċi tat-Tabib Megally;

[9] Ara fol.18 tal-atti kriminali.
[10] Ara fol.49 tal-atti kriminali.

viii. waqt is-seduta miżmuma fl-1 ta' Settembru 2023[11], xehdu r-rikorrent Polycarpus Megally, Dr Norbert Vella u Dr Christopher Barbara. Is-smigħ tar-rikors ġie differit għas-6 ta' Settembru 2023, meta xehdu Dr Alex Attard u Dr Joseph Debono. Is-smigħ ġie differit għat-13 ta' Settembru 2023. Fit-13 ta' Settembru 2023 xehdu Dr Pierre Mallia u Dr Michael Buttigieg, u s-smigħ ġie differit għall-20 ta' Settembru 2023;

ix. fil-15 ta' Settembru 2023, ir-rikorrenti ressqu rikors[12] li bih talbu (i) li jiġu awtorizzati jressqu bħala xhieda lil Dr Tarek Ibrahim u Dr Michael Hanna (jew espert ieħor bl-istess kwalifiki f'każ li dawk imsemmija ma jkunux disponibbli), (ii) li l-Qorti tordna li jitkompla l-eżami ta' Dr Buttigieg qabel jinstemgħu xhieda oħra, u (iii) li l-Isptar jiġi ordnat jippreżenta dik l-informazzjoni u dokumenti kollha dwar Dr Megally mhux preżentati u li jinsabu fil-pussess tiegħu jew tar-rappreżentanti jew impjegati tiegħu. B'dikriet mogħti fit-18 ta' Settembru 2023, ġiet milqugħa l-ewwel talba, miċħuda t-tieni talba u milqugħa t-tielet talba, b'dan li r-rikorrenti ġew mistiedna jindikaw x'inhuma d-dokumenti li ma kienux għadhom ġew eżebiti;

x. b'nota preżentata fit-12 t'Ottubru 2023[13], il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar iddikjarat illi min-naħa tal-Isptar Mater Dei kien hemm kunsens sabiex issir awtopsja fuq il-kadavru tat-Tabib Megally «*purche li Margarita Megally Cassar tagħmel talba formali lill-awtoritajiet tal-istess Sptar Mater Dei*». Waqt l-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2023[14], id-difensur tar-rikorrenti sostna li in segwitu għal din in-nota, saru diskussjonijiet li matulhom intqal li l-Isptar kien lest jipproċedi bl-awtopsja biss jekk ir-rikors jiġi irtirat, liema allegazzjoni ġiet kontestata;

xi. mill-atti tal-proċeduri kriminali (ara fol.382), jirriżulta li l-esperti mediċi ndikati mir-rikorrenti ma setgħux jixhdu f'Malta minħabba limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni professjonali tagħhom maħruġa fir-Renju Unit. Għalhekk fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2023, xehed biss in kontro-eżami r-rikorrent Polycarpus

[11] Ara fol.162 tal-atti kriminali.
[12] Ara fol.364 tal-atti kriminali.
[13] Ara fol.347 tal-atti kriminali.
[14] Ara fol.576 tal-atti kriminali.

Megally. Is-smigħ tar-rikors ġie differit għad-19 t'Ottubru 2023. Fis-sens imsemmi r-rikorrenti ressqu wkoll nota waqt l-udjenza tad-19 t'Ottubru 2023;

xii. waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2023[15], il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei preżenta nota li biha ddikjara li kienet qed taqbel li ssir l-awtopsja, b'dan li kellu jiġi ddikjarat u maqbul li din l-awtopsja ssir mingħajr kondizzjonijiet anċillari marbuta magħha, u tkun meqjusa konklussiva mhux biss għal finijiet ta' dawk il-proċeduri imma għal finijiet u effetti kollha tal-liġi. Għal dan il-għan, l-Isptar ippropona bħala patoloġista lil Dr Andrew Falzon, u qabel li miegħu għandu jkun hemm bħala patoloġista Dr James DeGaetano u Dr Anthony Abela Medici bħala osservatur. Waqt dik l-istess seduta xehed ukoll Dr Michael Buttigieg u s-smigħ ġie differit għall-15 ta' Diċembru 2023.

xiii. Fis-7 ta' Novembru 2023 stess[16], ir-rikorrenti ressqu rikors ieħor li bih talbu r-rilaxx tal-kadavru sabiex issir awtopsja privata, liema kadavru għandu jiġi rilaxxat f'idejn espert inkarigat minnhom, kif ukoll talbu l-awtorizzazzjoni biex jidfnu l-istess katavru wara li ssir din l-awtopsja. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2023, dawn it-talbiet ġew miċħuda;

xiv. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2023, xehdu wkoll Dr Pierre Mallia u Dr Joseph Debono, u s-smigħ ġie differit għall-10 ta' Jannar 2024. Dakinhar reġgħa xehed Dr Joseph Debono, u xehdu wkoll Dr Norbert Vella, Dr Alex Attard u Dr Michael Buttigieg. Saret trattazzjoni u r-rikors ġie differit sabiex jingħata dikriet kamerali;

xv. Id-dikriet kamerali ġie mogħti fil-11 ta' Jannar 2024, u bih ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għall-ftuħ t'inkjesta maġisterjali. Fis-17 ta' Jannar 2024, ir-rikorrenti ressqu rikors ieħor fil-Qorti Kriminali għat-tħassir tad-dikriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2024. B'deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Jannar 2024, il-Qorti Kriminali ċaħdet din it-talba wkoll;

[15] Ara fol.563 tal-atti kriminali.
[16] Ara fol.570.

xvi. ir-rikorrenti jsostnu li t-tobba fl-Isptar ma kienux jafu għaliex il-kondizzjoni ta' Dr Megally marret tant għall-agħar fl-aħħar tliet ijiem ta' ħajtu, meta preċedentement huwa kien qed jaqleb għall-aħjar[17]. Kien għalhekk li huma nsistew li għandha ssir awtopsja. Dan però huwa kontradett mix-xiehda tat-Tabib Michael Buttigieg, li xehed li l-Isptar kien suffiċjentement ċert mir-raġuni tal-mewt f'dik l-epoka diġà[18]. L-istess xhud spjega li din kienet ir-raġuni għaliex fil-*file* mediku tat-Tabib Megally nkitbu l-kliem «*No Autopsy*»[19];

xvii. jidher illi l-awtopsji li solitament isiru huma dawk li jkunu ġew ordnati mill-Maġistrat b'rabta mal-inkjesta dwar l-*in genere* u li ssir mill-patoloġisti maħtura mill-Maġistrat, u dawk li jsiru mill-Isptar Mater Dei li jkunu ordnati mill-konsulent tas-sala u li jsiru mill-patoloġisti tal-Isptar stess[20]. Isiru wkoll talbiet għal awtopsji privati meta jkun hemm mewt ta' persuna 'l barra mill-ibħra territorjali. F'dawk il-każijiet, il-katavru jiddaħħal f'Malta sabiex issirlu awtopsja, wara talba li ssir minn entità privata[21]. Irriżulta wkoll li kien hemm ċirkostanzi fejn il-familjari ma jaqblux ma' awtopsja li tkun diġà saret, u jitolbu awtopsja sekondarja minn esperti mqabbdin minnhom stess[22]. Skont *Standard Operating Procedure* numru 12349[23], meta l-mewt tal-pazjent tkun mhux mistennija, vjolenti jew suspettuża, jew fejn ir-raġuni tal-mewt ma tkunx magħrufa, il-konsulent għandu jikkomunika mal-konsulent legali tal-Isptar għad-direzzjoni. Fejn il-konsulent legali jara li l-mewt tkun seħħet f'ċirkostanzi vjolenti jew suspettużi, tiġi nvoluta l-Pulizija. Fejn ma jkunx hemm tali ċirkostanzi, imma l-konsulent ma jkunx f'pożizzjoni li joħroġ ċertifikat sħiħ minħabba dijanjożi diversa dwar ir-raġuni tal-mewt, il-każ jiġi riferut lid-Dipartiment tal-Patoloġija sabiex issir l-awtopsja. Jekk il-familjari tal-mejjet ma jagħtux il-kunsens tagħhom għall-awtopsja mill-Isptar u ċ-ċertifikat tal-mewt ma jkunx jista' jinħareġ, il-każ jiġi riferut lill-Pulizija. L-istess dokument riferit jipprovdi wkoll li fejn il-konsulent ikun lest li joħroġ iċ-ċertifikat tal-mewt iżda l-familjari jkunu qed jeżiġu awtopsja, il-konsulent għandu jkellem lill-familjari biex jifhem ir-raġuni għat-talba tagħhom. Jekk dik ir-raġuni tkun naxxenti minn suspetti

[17] Ara x-xiehda ta' Eugenie Megally, a fol.171-172.
[18] Ara x-xiehda tat-Tabib Michael Buttigieg, a fol.175.
[19] Ara x-xiehda tat-Tabib Michael Buttigieg, a tergo ta' fol.178.
[20] Ara x-xiehda ta' David Grima, a fol.134, u x-xiehda ta' Dr Joseph Debono, a fol.187 u a tergo.
[21] Ara x-xiehda ta' David Grima, a fol.135, kif ukoll ix-xiehda ta' Dr Joseph Debono, a fol.190.
[22] Ara x-xiehda ta' David Grima, a tergo ta' fol.137, kif ukoll id-dokument eżebit bħala Dok TA1.
[23] Eżebiti a fol.143.

ta' żball mediku, negliġenza jew xi att doluż, mela ċ-ċertifikat mediku m'għandux jinħareġ u l-familjari għandhom jiġu diretti biex ikellmu lill-Pulizija.

xviii. skont David Grima, li huwa l-uffiċjal inkarigat dwar il-kamra mortwarja fl-Isptar Mater Dei, it-talbiet li solitament isiru minn familjari dwar katavri fil-kamra jirrigwardaw il-preparazzjoni tal-katavru għad-dfin, kompriż l-ibbalzmar[24];

xix. ir-rikorrenti Margarita Megally Cassar xehdet li meta tkellmet ma' mpjegati fl-Isptar fis-sezzjoni ta' *customer care*, qalulha li kienu jsiru awtopsji privati bl-użu tal-faċilitajiet tal-Isptar permezz ta' patoloġisti nkarigati privatament. Minħabba f'hekk, hija nsistiet li tħallas il-miżata dovuta lill-Isptar għall-użu tal-faċilitajiet tiegħu sabiex issir awtopsja mill-familja Megally, liema miżata kienet infurmata li tammonta għal €286. Hija nsistiet li tħallas din is-somma, u meta ma ġietx aċċettata, hija ddepożitat din is-somma fir-Reġistru tal-Qorti[25];

xx. fil-mori ta' din il-kawża, ir-rikorrenti ressqu rikors fis-7 ta' Mejju 2024 fl-atti tal-proċeduri kriminali fuq imsemmija sabiex jitolbu r-revoka tad-dikriet mogħti f'dawk l-istess atti fis-6 ta' Lulju 2023 u sabiex jiġi dikjarat li l-katavru tat-Tabib Megally ma kien miżmum bl-ebda mod, liema talba ġiet respinta b'dikriet mogħti fit-13 ta' Mejju 2024 minħabba nuqqas ta' kompetenza[26];

xxi. jirriżulta wkoll li l-uniku post liċenzjat f'Malta sabiex fih isiru awtopsji hija l-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei[27] (u jidher li fl-Isptar t'Għawdex hemm ukoll faċilitajiet aktar limitati fejn jistgħu isiru awtopsji[28]), u l-uniċi professjonisti li jistgħu jikkonduċu awtopsja huma dawk it-tobba li huma reġistrati fir-reġistru tal-ispeċjalisti bħala patoloġisti forensiċi mal-Kunsill Mediku[29];

---

[24] Ara x-xiehda ta' David Grima, a fol.133.
[25] Ara x-xiehda tar-rikorrenti Margarita Megally Cassar, a fol.137.
[26] Ara fol.162.
[27] Ara x-xiehda ta' Dr Joseph Debono, a fol.191.
[28] Ara x-xiehda ta' Dr Christopher Barbara, a tergo ta' fol.216.
[29] Ara x-xiehda ta' Dr Joseph Debono, a tergo ta' fol.191, kif ukoll ta' Arthur Camilleri, minn fol.207-209.

xxii. matul din il-kawża, l-Isptar Mater Dei reġgħa tenna l-pożizzjoni tiegħu li dispost li jwettaq l-inkjesta permezz tal-patoloġisti nkarigati minnu, filwaqt li l-patologu nkarigat mir-rikorrenti jista' jipparteċipa bħala osservatur[30].

10. Issa li ġew esposti l-fatti li din il-Qorti tqis li huma l-aktar rilevanti għall-każ, se jiġu kkunsidrati qabel xejn l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati.

Ikkunsidrat:

11. Illi l-intimati jeċċepixxu fl-ewwel lok li ħadd minnhom ma huwa leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti.

12. Illi r-rappreżentanza tal-Gvern f'atti u fi proċeduri ġudizzjarji hija regolata mill-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> 181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> (a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;
> (b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
> (ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

13. Illi huwa wkoll rikonoxxut fil-ġurisprudenza illi f'azzjonijiet ta' din ix-xorta, jeżistu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jiġu ċitati bħala intimati. Issir riferenza hawnhekk għall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru***[31] fejn ġie osservat li:

[30] Ara x-xiehda ta' Dr Joseph Debono, a fol.199-200.
[31] 7/12/1990 – Kollezz. Vol.LXXIV.i.261.

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

14. Fl-istess sens hija l-ġurisprudenza aktar riċenti (ara ***Mario Scicluna pro et noe vs. Avukat Ġenerali et***, Qorti Kostituzzjonali, 31/5/2023).

15. Applikati l-konsiderazzjonijiet fuq esposti għall-każ odjern, huwa evidenti għall-Qorti li l-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ma jistgħux jitqiesu neqsin mil-leġittimazzjoni passiva neċessarja sabiex ikunu ċitati f'din il-kawża. Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika hija l-uffiċċjal li skont l-artikolu 4 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kapitolu 465 tal-liġijiet ta' Malta) għandha d-dmir li tħares is-saħħa pubblika f'Malta. Issa d-difiża fil-meritu tal-intimati, kif artikolata fir-risposta dettaljata tagħhom, hija radikata fuq l-eżiġenzi tas-saħħa pubblika li l-istess Superintendent intimat għandu d-dmir u r-responsabbilità li jħares u jamministra. Għalhekk sa fejn it-talbiet tar-rikorrenti huma diretti għall-ksib ta' ordnijiet li skont l-intimati jistgħu jivvjolaw l-eżiġenzi tas-saħħa pubblika, hija proprju s-Superintendent intimat l-entità pubblika li għandha l-interess legali u ġuridiku li tikkontradixxi dawk it-talbiet. Fit-tifsira aktarx klassika dwar min jista' jitqies leġittimu kontradittur fil-kuntest ta' proċedimenti prettament ċivili, ingħad li dan huwa dik il-parti li fil-konfront tagħha tissussisti «*la utilita' finale della opposizione contro quella domanda*»[32]. Tifsira li tgħodd ukoll u *a fortiori* anki fil-kuntest ta' proċeduri kostituzzjonali, fejn jeżisti wkoll l-interess tal-integrità tal-ġudizzju daqs kemm jeżisti fil-kuntest ċivili ordinarju. Bil-preżenza tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika fil-ġudizzju odjern, kull ordni li

[32] ***Mortara,*** Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civili, Vol.II, §460.

din il-Qorti tista' tagħżel li tagħti għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti jkun ugwalment enforzabbli anki fil-konfront tal-intimat *de quo dicimus*, ai termini tal-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Fir-rigward tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Qorti wkoll ikollha tikkonkludi li dan l-uffiċċjal ġie sewwa ċitat fil-kawża. Huwa evidenti mill-premessi tar-rikors promotur li, tajjeb jew ħażin, it-tilwima tar-rikorrenti hija prinċipalment mal-Isptar, u huma qed jattribwixxu l-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom għall-azzjonijiet jew omissjonijiet magħmula mill-istess Sptar. Għalhekk biss, l-Isptar ma jistax ħlief jitqies bħala leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti. Jekk ix-xiljiet magħmula mir-rikorrenti fil-konfront ta' dan l-intimat humiex fondati jew le mbagħad hija kwistjoni ta' meritu li tiġi eżaminata aktar 'il quddiem kemm-il darba l-azzjoni tar-rikorrenti ma tieqafx minħabba l-akkoljiment ta' xi waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati. Però dan l-intimat għandu jibqa' fil-kawża proprju sabiex ikollu l-opportunità li jikkontesta x-xiljiet li qed isiru fil-konfront tiegħu.

17. Fir-rigward tal-Ministru intimat, il-Qorti jkollha tasal għal konklużjoni diversa.

18. Ma ġiex spjegat, lanqas waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għaliex dan l-intimat ġie ċitat fil-kawża, speċjalment fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi msemmi. Ir-rikorrenti ma jattribwixxu ebda nuqqas lil dan l-intimat, u lanqas qed jitolbu mingħandu xi rimedju partikolari. Proprju minħabba l-fatt li l-intimati l-oħrajn huma leġittimi kontradittori tat-talbiet tar-rikorrenti, għandu jsegwi li l-Ministru intimat ġie mħarrek għalxejn. Għalhekk dan l-intimat se jkun qed jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat:

19. Illi l-intimati jissollevaw ukoll numru ta' eċċezzjonijiet li lkoll kemm huma jirrigwardaw l-eżistenza ta' rimedji ordinarji favur ir-rikorrenti. L-intimati għalhekk jistiednu lill-Qorti, fid-dawl ta' dawn ir-rimedji ordinarji, sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

20. Illi tenut kont tal-fatt li l-azzjoni tar-rikorrenti hija bażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-eċċezzjoni tal-intimati fis-sens li hemm rimedji ordinarji miftuħa għar-rikorrenti hija allura bażata fuq l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi li:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi ordinarja oħra.

21. Illi l-artikolu 4(2), appena ċitat, jirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Din id-diżposizzjoni testwalment tipprovdi li:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

22. Illi dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, li huma identiċi fis-sostanza tagħhom, jagħtu l-fakultà lill-Qorti ma tieħux konjizzjoni ta' lmenti kostituzzjonali li jiġu mressqin lilha, fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal dawk il-lanjanzi huma jew kienu disponibbli taħt xi liġi ordinarja.

23. Illi l-ewwel każ li fih jidher li ġiet applikata din id-disposizzjoni tal-liġi (u ċjoè l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni) kien dak fl-ismijiet ***Salvatore Seychell vs. Angelo Grech pro et noe et***, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 t'April 1967, liema sentenza kkonfermat dik tal-ewwel istanza li ngħatat fil-15 ta' Marzu 1967. Fis-sentenza tal-ewwel istanza ġie fil-fatt osservat:

> In-nuqqas ta' ebda attentat mir-rikorrent biex jottjeni bil-mod normali u bil-mezzi konsentiti lilu mil-liġi ordinarja l-protezzjoni tad-drittijiet li huwa jippretendi li għandu, ma jintitolahx jadixxi din il-Qorti taħt l-Art. 47[33] tal-Kostituzzjoni taħt liema artikolu huwa ċar li wieħed jista' jinvoka l-ksur tal-Art. 36 sa 46 tal-Kostituzzjoni, imma mhux il-ksur tal-volta ta' xi liġijiet oħra.
>
> Jekk verament teżisti jew huwa minaċċjat ksur ta' xi drittijiet tar-rikorrent li ma humiex kompriżi u protetti taħt l-Art. 34 sa 46 tal-Kostituzzjoni, allura r-rimedju tiegħu ma jinsabx fil-Kostituzzjoni fil-proċedura preżenti, imma fil-liġi u fil-proċedura ordinarja.
>
> L-Art. 47 u l-artikoli l-oħra tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-"human rights" ma ġewx maħsubin biex, taħt pretest ta' leżjoni attwali jew minaċċjata ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed jinjora u jevita l-mezzi u rimedji proċedurali normali fil-każi li jeżorbitaw minn dawk kontemplati fil-Kostituzzjoni, u minflok jadixxi din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni lilha speċjalment fdata mill-Kostituzzjoni.

24. Illi fis-sentenza tagħha, l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel istanza, tista' tgħid bl-adeżjoni tal-mottivi. Il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, li kif suespost huwa fil-lokuzzjoni tiegħu identiku għall-artikolu 4(2) tal-Att li bih ġiet ratifikata l-Konvenzjoni Ewropea, kien sussegwentement eżaminat f'aktar dettall fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran, fit-30 ta' Ġunju 1977 fl-ismijiet ***Vincent Spiteri vs. L-Onorevoli Prim Ministru et***. Il-każ kien jirrigwarda lment tar-rikorrenti li fil-jum li fih kellhom jintgħażlu l-ġurati għall-ġuri tiegħu, huwa inġieb il-qorti mill-awtoritajiet tal-ħabs (fejn kien qed jiskonta sentenza dwar kundanna preċedenti) bil-ħwejjeġ tal-ħabs li kjarament kienu juru lil min seta' jara lir-rikorrenti fil-kuruturi tal-

[33] Illum artikolu 46.

qrati li l-istess rikorrent kien ħabsi. Ir-rikorrent ilmenta illi dan il-fatt illeda d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi ġiet vjolata r-regola li l-ġurati m'għandhomx ikunu konsapevoli minn kundanni preċedenti li l-akkużat f'ġuri seta' jkollu. Minkejja li l-Qorti tal-ewwel istanza sabet li tali fatt, lamentat mir-rikorrent, kien irregolari, għaddiet biex xorta waħda ċaħdet ir-rikors tiegħu wara li qieset li r-rikorrent kellu żewġ rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tiegħu, u ċjoè li jitlob lill-Imħallef togat u presjedenti l-ġuri li jxolji l-ġuri biex b'hekk jintagħżlu ġurati alternattivi, kif ukoll illi jappella mill-eventwali verdett f'każ li tali talba tiġi respinta. Dika l-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma ta' xejra ġenerali u li kwindi japplikaw għal kull sitwazzjoni fejn titqajjem l-eċċezzjoni dwar id-disponibilità ta' rimedji ordinarji:

> 9. Iżda fl-istess ħin il-każ issa ippreżentat lill-din il-Qorti taħt il-profil kostituzzjonali sa hawn jista' jasal, għax fil-qoffa l-oħra tal-bilanċ tal-ġustizzja iridu issa jitqegħdu xi ċirkostanzi oħra. Kieku ma kienx għaż-żewġ ċirkostanzi u raġunijiet li sejrin jissemmew u li jimmilitaw kontra r-rikorrent, il-Qorti ċertament ma kienitx sejra tillibera għal kollox lir-rikorrent, imma kienet tordna "new trial" għax il-kamp tar-redress mogħti mid-disposizzjoni ampja tal-art. 47(2) tal-Kostituzzjoni jidher li jippermetti anki direttiva simili, u kif qal il-Privy Council fil-kawża Borg Olivier vs Buttigieg (il-kawża tal-gazzetti fl-isptarijiet) mal-"human rights" m'għandhomx jsiru skerzi, lanqas minimi. Il-Qorti, f'dik l-ipotesi, kienet tipproponi anke ċerti "safeguards" dwar il-pubbliċità tal-isem tar-rikorrent biex ġurati futuri ma jkunux preġudikati b'dak li jaqraw u jisimgħu. Iżda l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jipprovdi, kif tajjeb issottometta Dr Borg, li din il-Qorti, tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li jekk isir, tirrifjuta li tagħti ir-"redress" minnha mitlub meta tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu rimedji legali oħrajn li ma użax.
>
> …
>
> Għalhekk daqs kemm hu ċar li kien hemm irregolarità hu ugwalment ċar li r-rikorrent kellu rimedji legali oħrajn ordinarji li ma eżawriex u ħalla t-terminu tal-appell in via ordinarja jiskadi inutilment.
>
> Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti hi sodisfatta, a termini tal-proviso tal-art. 47(1)(2) tal-Kostituzzjoni, li r-rikorrent kellu skond il-liġi mezzi oħra xierqa ta' rimedju għal ksur minnu allegat u billi minħabba d-dewmien u nuqqas ta' azjoni tar-rikorrent fl-istadju opportun (attwalment kellu żmien 15-il ġurnata għall-appell) jidhrilha li hekk hu desiderabbli

> qegħdha tiddeklina li tesercita s-setgħat tagħha taħt id-disposizzjonijiet preċedenti ta' dak l-artikolu salv it-temperament fil-kap ta' li spejjes li hu xieraq minħabba in-natura ġdida tal-każ u ċ-ċirkostanzi tiegħu«

25. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 t'Awwissu 1977, fejn ġie osservat hekk:

> Il-Qorti tosserva f'dan il-kontest li l-appellant donnu qed iħares lejn il-mezz ta' "redress", esperibbli imma li ma jkunx ġie esperit, bħala li jrid bilfors, a priori u fil-każijiet kollha jwassal nettibilment għar-riżultat viżwalizzat, waqt li l-Kostituzzjoni f'dan il-proviso hi raġonevolment konċernata bid-disponibilità ta' mezzi adegwati ta' "redress" mingħajr ma irraġonevolment tesiġi garanzija assoluta u aprioristika ta' suċċess f'kull każ partikolari, liema suċċess wisq naturalment jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha ta' kull każ.
>
> Fil-każ preżenti x'kien hemm aktar sempliċi jew normali milli l-istess akkużat issa appellant jagħmel talba lill-Qorti Kriminali li l-ġuri tiegħu għar-raġuni issa hawn mogħtija jiġi differit biex jinstema' quddiem ġurati oħra f'xahar ieħor? U kieku dan intalab u ngħata x'seta' imbagħad ikun aktar effettiv? Il-Qorti taċċetta illi kieku dan intalab seta' anki konċepibilment ma ngħatax imma ċertament seta' anki ngħata u anzi fil-fatt, skond it-tradizzjoni u praxis ġudizzjarja tagħna ma tantx tista' tippresumi li fil-każ in ispeċje, **kieku intalab**, ma kienx jingħata. B'danakollu però dan il-mezz ta' "redress", li kien ċertament jeżisti, kien disponibbli u kien ukoll adegwat, ma ġiex anqas biss tentat. Għal dan in-nuqqas din il-Qorti ma tistax issib ġustifikazzjoni adegwata għax għalkemm hu veru, kif ġie lilha sottomess mill-appellant, li ngħatalu difensur mill-Qorti (sa minn qabel it-tlugħ tal-ġurati però) dan kien ċertament edott (għax xehdu testwalment l-istess appellant a fol. 29 in fine tal-proċess) b'dak li ġara u kellu ampja opportunità li jaġixxi kif fuq ingħad waqt li, kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, jidher li l-għaref Imħallef tal-Qorti Kriminali ma ġiex informat b'dak li ġara fil-kuridur.«

26. Illi l-kwistjoni ġiet ikkonsidrata *funditus* mill-ġdid fid-deċiżjoni ***Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 7/3/1994)[34], fejn wara rassenja ta'

[34] Kollezz. Vol.LXXVIII.i.48.

ġurisprudenza dwar l-istess materja, dik l-Onorabbli Qorti enunċjat is-segwenti linji ġurisprudenzjali:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dan il-possibbli rimedju ma kienx però se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;
>
> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

27. Illi dawn il-prinċipji ġew segwiti għal snin sħaħ, u dan dejjem b'rispett lejn il-ħsieb ewlieni tal-proviso kontenut fl-artikolu 46(2) u fl-artikolu 4(2) fuq ċitati, liema ħsieb ewlieni ġie hekk imfisser fil-kawża ***Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni għall-Izvilupp ta' Malta***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003: «*Id-diskrezzjoni taħt iż-żewġ proviso in kwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin (jew persuna ġuridika, skond il-każ) ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt*

*għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) (u lil ebda persuna jew awtorita` oħra) diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha*».

28. Illi sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali tenniet il-prinċipji ġenerali dwar l-eżercizzju tas-setgħa kkontemplata fil-*provisos* suċitati, u dan fil-kawża ***Visual & Sounds Communications Limited vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, deċiża fit-12 ta' Dicembru 2002, liema prinċipji ġenerali jkomplu jseddqu dawk identifikati fid-deċiżjoni ***Vella vs. Bannister noe***, fuq ċitata. Dawn huma s-segwenti:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta` natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m`humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta` illegalita` jew ta` ġustizzja jew ta` żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta` diskrezzjonalita` ta` l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (c) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta` kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m`għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta` ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;

> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab id-diskrezzjoni.

29. Illi sabiex jingħad li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, dan ir-rimedju, «*... jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*» (***Peter Paul Muscat vs. Mario Muscat pro et noe et***, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 26/3/2009).

30. Bil-kemm hemm għalfejn jingħad li huwa proprju min jissolleva l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' rimedju ordinarju li għandu l-oneru li jipprova l-eżistenza ta' dak ir-rimedju.

31. Sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti tassew kellhomx rimedju ordinarju miftuħ għalihom, huwa essenzjali li jiġi korrettement apprezzat l-ilment li huma jkunu qed iressqu quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Rimedju ordinarju jista' jitqies effettiv u adekwat biss fid-dawl tal-ilment li għandu jindirizza. Issa minn dak kollu li din il-Qorti qrat u semgħet, setgħet tifhem li l-ilment tar-rikorrenti, fis-sempliċità tiegħu, huwa li huma għandhom il-jedd li jagħmlu awtopsja fuq il-kadavru tat-Tabib Megally, u dan b'mod indipendenti u awtonomu mill-awtopsja li tista' ssir mill-Isptar intimat, u li jipprexxindi mill-awtopsja li tista' ssir jew ma ssirx b'rabta ma' inkjesta dwar l-*in genere* fuq ordni ta' Maġistrat. L-ilment tar-rikorrenti, kif artikolat minnhom fir-rikors promotur u kif se jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti, m'huwiex li kellha ssir inkjesta dwar l-*in genere* u lanqas li kellha tinfetaħ kawża kriminali kontra persuni determinati jew indeterminati. L-ilment tagħhom avvanzat f'dawn il-proċeduri huwa biss li huma għandhom jedd fondamentali li jwettqu awtopsja fuq dan il-kadavru.

32. M'hemmx dubju illi x-xewqa tar-rikorrenti sabiex issir din l-awtopsja m'hijiex *in vacuo*. Huwa evidentissimu li r-rikorrenti jridu li din l-awtopsja ssir bħala preludju għal proċeduri oħrajn li huma jistgħu jieħdu kontra persuni jew entitajiet oħrajn fl-

eventwalità li skont dik l-awtopsja se jirriżulta li kien hemm xi nuqqas jew negliġenza min-naħa ta' xi ħadd. Dan però mhux tant rilevanti għal din il-kawża, għaliex jekk il-Qorti se tinvesti l-meritu, l-indaġni tagħha se tkun rivolta unikament għall-kwistjoni dwar jekk id-dritt fondamentali mfisser fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jinkludix ukoll id-dritt li persuna teżegwixxi awtopsja permezz ta' esperti mqabbdin minnha fuq kadavru ta' qarib tagħha.

33. Ikkunsidrat minn dan l-aspett, il-Qorti ma jidhrilix li jista' jingħad li r-rikorrenti kellhom xi rimedju ordinarju miftuħ għalihom. Kif ingħad, l-ilment m'huwiex neċessarjament marbut mat-teħid jew nuqqas ta' teħid ta' proċeduri kriminali, u x'rimedji r-rikorrenti seta' kellhom f'dawn ir-rigward minħabba n-nuqqas ta' teħid ta' dawk il-proċeduri. Anzi, fl-ebda waqt ir-rikorrenti ma jilmentaw mill-fatt li l-Pulizija ma ressqu lil ħadd bi proċeduri kriminali in segwitu għar-rapport minnhom magħmul fil-5 ta' Lulju 2023. Lanqas ma jilmentaw ir-rikorrenti mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Jannar 2024 u mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Jannar 2024.

34. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-abbli difensur tal-intimati għamel riferenza għar-rimedju ordinarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'dan is-sens ġie sottomess li r-rikorrenti setgħu impunjaw id-deċiżjoni amministrattiva tal-intimati li rrifjutaw li jirrilaxxaw il-kadavru permezz t'azzjoni ta' stħarriġ amministrattiv.

35. Din il-Qorti però ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni.

36. Ibda biex ir-raġunijiet maħsuba mill-artikolu 469A għas-suċċess ta' dik l-azzjoni ma jikkomprendux b'mod espress il-ksur ta' drittijiet fondamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropea. Mhux talli hekk, talli hemm korp ta' ġurisprudenza prevalenti li jqis li r-riferenza għall-Kostituzzjoni ta' Malta fl-ewwel subinċiż tal-artikolu taħt eżami ma tinkludix riferenza għall-ksur ta' drittijiet fondamentali (ara f'dan is-sens ***Emanuel Ciantar vs. Kummissarju tal-Pulizija***, Qorti Kostituzzjonali, 2/11/2001; ***Christopher Hall et vs. Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***, Qorti Kostituzzjonali, 18/9/2009). F'din l-aħħar deċiżjoni appena ċitata ġie fil-fatt ritenut hekk:

> A skans ta' ekwivoċi, din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux qed tgħid li meta jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistgħux jissollevaw, anke b'suċċess, l-"eċċezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi oħra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jiġi applikat *ex officio* mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-proċedura tal-istħarriġ ġudizzjarju skond l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jiġi deċiż hu li jekk <u>il-mezz xieraq ta' rimedju ravviżat ikun jikkonsisti biss fi stħarriġ ġudizzjarju (in bażi għas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) għar-raġuni biss li l-egħmil amministrattiv ikun jilledi xi wieħed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eċċezzjoni" għandha tiġi skartata bla tlaqliq bħala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'għandux, f'tali sitwazzjoni, jiġi applikat ex officio mill-Qorti</u>.

37. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx li l-azzjoni taħt l-artikolu 469A kienet toffri rimedju adekwat u effettiv lir-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

38. Aspett ieħor sollevat fl-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati jirrigwarda l-kontenzjoni tagħhom li huma jinsabu preklużi milli jagħmlu dak li qed jitolbu r-rikorrenti minħabba ordnijiet mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.

39. Eżaminati l-atti tal-proċeduri kriminali, li kif diġà ntqal ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża, kif ukoll l-iskritturi ġudizzjarji preżentati f'din il-kawża stess, il-Qorti ma jidhrilix li tista' taqbel mal-intimati.

40. Fl-ewwel lok, huwa ċar li l-pożizzjoni tal-intimati m'hijiex bażata unikament fuq l-impediment tal-ordnijiet mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Huwa evidenti mir-risposta preżentata minnhom f'dawn l-atti li l-intimati qed jopponu għat-talba tar-rikorrenti għar-rilaxx tal-kadavru irrispettivament mill-eżistenza jew ineżistenza ta' dawn l-ordnijiet. Għalhekk anki jekk dan l-impediment – li għad irridu naraw jeżistix

jew le – jitneħħa, xorta waħda se tibqa' fis-seħħ it-tilwima tal-kontendenti u n-neċessità ta' din il-kawża.

41. Fit-tieni lok, il-Qorti ma jidhrilix li dan l-impediment tassew jeżisti.

42. Huwa minnu li waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tar-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti fis-6 ta' Lulju 2023 a tenur tal-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati kienet ordnat li b'mod provviżorju, l-kadavru ta' Dr Megally ma jindifinx. Huwa minnu wkoll li r-rikorrenti, fl-atti tal-istess rikors, kienu talbu wkoll ir-rilaxx tal-kadavru sabiex jagħmlu awtopsja privata, liema talbiet kienu ġew miċħuda minn dik il-Qorti għaliex kienu jeżulaw mill-parametri stretti ta' azzjoni taħt l-artikolu 546, preċitat.

43. Madanakollu, dawn id-dikrieti mogħtija fl-atti tal-imsemmi rikors tilfu kull effett tagħhom wara t-tmiem ta' dawk il-proċeduri. Dan jgħodd mhux biss għad-dikrieti li bihom ġew miċħuda t-talbiet tar-rikorrenti għar-rilaxx tal-kadavru, imma anki għad-dikriet li bih ġie ordnat li l-kadavru ma jindifinx. Fuq kollox, kienet il-Qorti tal-Maġistrati stess li bl-aktar mod ċar indikat li dak l-ordni kien wieħed <u>provviżorju</u>. Għal din il-Qorti, dan ifisser li dak l-ordni mhux definittiv, u la m'huwiex definittiv jitlef l-effetti tiegħu malli jintemmu l-proċeduri li fir-rigward tagħhom ikun ingħata dak l-ordni.

44. Kemm hu hekk, l-artikolu 662 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi proprju li: «*Taħt l-isem ġeneriku ta' "deċiżjoni" jidħlu: kull verdett tal-ġuri fuq il-fatt, kull sentenza tal-qorti li tillibera, issib ħati jew tikkundanna lill-imputat jew akkużat, kull proċess verbal li jsir dwar aċċess jew kompilazzjoni oħra taħt id-dispożizzjonijiet ta'dan il-Kodiċi (barra minn aċċess għall-finijiet tal-verifika tal-prova dwar l-"in genere"), u, minnbarra dawn,* ***kull digriet jew ordni <u>definitiv</u>*** *ieħor tal-qorti*»[35]. Hija allura n-natura definittiva tal-provvediment li jikkwalifikah bħala "deċiżjoni", u allura ordni li huwa espressament ċirkoskritt bħala provviżorju ma jistax jitqies li jekwivali għal «deċiżjoni» li allura tibqa' torbot lil dawk li fil-konfront tagħhom ingħatat.

[35] L-enfażi in calce u s-sottolinear huma miżjuda mill-Qorti.

45. Għalhekk l-ordni provviżorju mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Lulju 2023 ma baqax fis-seħħ wara li l-proċeduri inizjati mir-rikorrenti skont l-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali ntemmu.

46. Din il-konklużjoni hija ulterjorment fortifikata mill-fatt li, meta r-rikorrenti – aktarx minħabba din l-eċċezzjoni tal-intimati – ressqu rikors fis-7 ta' Mejju 2024 għar-revoka tad-dikriet tas-6 ta' Lulju 2023 u għal konferma li l-kadavru ta' Dr Megally ma kienx miżmum bl-ebda mod per konsegwenza tal-proċeduri terminati, il-Qorti tal-Maġistrati b'dikriet mogħti fit-13 ta' Mejju 2024, ddeċidiet li m'għandhiex il-kompetenza dwar dik it-talba. Dan proprju għaliex l-ordni tas-6 ta' Lulju 2023, għaliex kien provviżorju, m'għadux fis-seħħ. Li kieku kien fis-seħħ, dik il-Qorti ċertament li kien jibqgħalha kompetenza biex tvarja jew timmodifika l-ordnijiet tagħha stess.

47. Din l-eċċezzjoni għalhekk ukoll se tiġi mwarrba.

Ikkunsidrat:

48. Niġu issa għall-meritu.

49. Diġà ntqal li r-rikorrenti qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid hekk:

> (1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

50. Għalkemm solitament din id-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ssib l-applikazzjoni tagħha fir-rigward ta' persuni ħajjin u r-relazzjonijiet ta' bejniethom, ġie wkoll deċiż «*that dealing appropriately with the dead out of respect for the feelings of*

*the deceased's relatives falls within the scope of Article 8 of the Convention»*[36]. Fid-deċiżjoni ***Solska and Ribicka vs. Poland*** (QEDB, 20/9/2018) ġie osservat hekk:

> 104. The Court observes in this context that the exercise of Article 8 rights concerning family and private life pertain, predominantly, to relationships between living human beings. However, the possibility cannot be excluded that respect for family and private life extends to certain situations after death (see *Jones v. United Kingdom* (dec.), no. 42639/04, 13 September 2005).
>
> 105. In the cases of *Pannullo and Forte* (cited above, §§ 35-36) and *Girard* (cited above, § 107) the Court recognised that an excessive delay in returning a deceased child's body to the parents for a funeral or in returning bodily samples on completion of the relevant criminal proceedings could constitute an interference with both the "private life" and the "family life" of the surviving family members. In the case of *Płoski v. Poland* (no. 26761/95, § 32, 12 November 2002) a refusal to allow the applicant, a prisoner, to attend the funeral of his close relatives was found to constitute an interference with the right to respect for his private and family life. In the case of *Elli Poluhas Dödsbo v. Sweden* (no. 61564/00, § 24, ECHR 2006-I) the Court found that the refusal to transfer an urn containing the ashes of the applicant's husband could also be seen as falling within the ambit of Article 8, without however stating whether the interference found related to the concept of private life or family life. In the case of *Hadri-Vionnet* (cited above, § 52) the Court decided that the possibility for the applicant to be present at the funeral of her stillborn child, along with the related transfer and ceremonial arrangements, was also capable of falling within the ambit of Article 8. In the case of *Sabanchiyeva and Others v. Russia* (no. 38450/05, § 122-23, ECHR 2013 (extracts)) the Court accepted that the refusal to return the bodies of the applicants' relatives, alleged terrorists, and their burial in an unspecified location had amounted to interference with the relatives' "private life" and "family life". In the cases of *Petrova v. Latvia* (no. 4605/05, § 77, 24 June 2014) and *Elberte* (cited above, § 89) the Court recognised that the removal of a deceased relative's organs or tissues without consent came within the scope of the "private life" of the surviving family members. In the case of *Lozovyye v. Russia* (no. 4587/09, § 34, 24 April 2018) the Court held that the applicants' right to respect for their private and family life had been affected by the failure of

[36] ***M.L. vs. Slovakia*** (QEDB, 14/10/2021).

> the State to inform them of their son's death before he had been buried.
>
> 106. The above-mentioned case-law demonstrates that certain issues relating to the way in which the body of a deceased relative was treated, as well as issues regarding the ability to attend the burial and pay respects at the grave of a relative, have been recognised as coming within the scope of the right to respect for family or private life under Article 8.

51. Dan kien każ fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw mill-fatt li l-awtoritajiet kienu mxew bl-eżumazzjoni tal-kadavru ta' żwieġhom kontra r-rieda tagħhom. Fid-deċiżjoni ***Polat vs. Austria*** (QEDB, 20/7/2021) ġie meqjus li l-eżekuzzjoni ta' awtopsja fuq kadavru kontra r-rieda ta' omm il-mejjet, kif ukoll in-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif dwar dik l-awtopsja lill-istess rikorrenti, kienu fatturi li jirrientraw fl-ambitu tal-artikolu 8[37].

52. Ġie diversi drabi miżmum ukoll li l-artikolu 8 joħloq ukoll obbligazzjonijiet pożittivi fuq l-Istat sabiex jassikura l-protezzjoni tad-dritt tal-individwu għall-ħajja privata u tal-familja. Fid-deċiżjoni ***Pannullo and Forte vs. France*** (QEDB, 30/10/2001) intqal:

> 35. The Court points out that while the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in effective "respect" for family life. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and the community as a whole, and in both contexts the State is recognised as enjoying a certain margin of appreciation (see *Hokkanen v. Finland*, judgment of 23 September 1994, Series A no. 299-A, p. 20, § 55).
>
> 36. The Court has no doubt that the interference with the applicants' right to respect for their private and family life was in accordance with the law and pursued the legitimate aim of preventing crime.
>
> 37. What needs to be established, therefore, is whether that interference was "necessary in a democratic society" within the meaning of Article 8 § 2 of the Convention. In that connection, account should be taken of the fact that a period

[37] Ara wkoll ***Petrova vs. Latvia*** (QEDB, 24/6/2014), fejn l-ilment kien jirrigwarda t-trapjant ta' organi mill-kadavru mingħajr l-avviż u l-kunsens tal-qraba tal-mejjet.

> of more than seven months elapsed between Erika's death and the issue of the burial certificate.
>
> 38. The Court considers that for the purposes of the inquiry it was necessary for the French authorities to keep Erika's body for the time required for the autopsy to be carried out, namely until 9 July 1996. As far as the subsequent period is concerned, however, Professor L.'s letter to the public prosecutor makes it quite clear that the child's body could have been returned to her parents right after the autopsy since the requisite samples had been taken and it was not necessary for it to be kept at the Institute of Forensic Medicine for the report to be drawn up. The letter also reveals that the investigating judge was immediately informed of this and that a number of representations to the same effect were made by the Institute of Forensic Medicine to the investigating judge.
>
> 39. That being so, and regardless of whether the delay was caused, as the Government submitted, by the experts' inertia or by the judge's "poor understanding of the medical aspects of the case", the Court finds that, regard being had to the circumstances of the case and the tragedy for the parents of losing their child, the French authorities failed to strike a fair balance between the applicants' right to respect for their private and family life and the legitimate aim pursued.[38]

53. F'każ ieħor li kien jitratta talba tal-individwu li jeżumi l-kadavru ta' qarib tiegħu bl-iskop li ssir id-difna tiegħu f'lok ieħor, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> 46. At the outset, the Court is called upon to determine whether the applicant's complaint concerns a right that falls under the scope of application of Article 8 of the Convention. It begins by reiterating that the concepts of "private and family life" are broad terms not susceptible to exhaustive definition (see *Pretty v. the United Kingdom*, no. 2346/02, § 61, ECHR 2002-III; *Parrillo*, cited above, § 153; and *Paradiso and Campanelli v. Italy* [GC], no. 25358/12, §§ 140-141, 24 January 2017).
>
> 47. Importantly, the Court has in its case-law proceeded on the basis that private and family life may, in principle, be invoked by relatives in relation to disputes that arise regarding burials and other funeral arrangements of

[38] Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Girard vs. France*** (QEDB, 30/6/2011).

deceased family members. Thus, in *Pannullo and Forte v. France* (no. 37794/97, ECHR 2001-X), the Court held that the delay in releasing the body of the applicant's child for a funeral after an investigation infringed Article 8 of the Convention in both its private and family life aspects. Moreover, in the case of *Znamenskaya v. Russia* (no. 77785/01, 2 June 2005), the Court considered the private life aspect of Article 8 to be applicable to the question of whether a mother had the right to change the family name on the tombstone of her stillborn child. Finally, the burial of a still-born baby in a common grave without consulting or informing the mother, together with the transport of the body in an ordinary van, constituted an interference with the mother's respect for private and family life which had no domestic legal basis (see *Hadri-Vionnet v. Switzerland*, no. 55525/00, 14 February 2008).

48. However, in its case-law to date, the Court has not taken an explicit position on whether a request to exhume remains of a relative for transfer to a new resting place falls under Article 8 of the Convention. In the case of *Elli Poluhas Dödsbo v. Sweden* (no. 61564/00, § 23, ECHR 2006-I) it proceeded on the "assumption" that the refusal to allow the removal of a burial urn to a new resting place was an interference with the widow's private life. Taking account of the broad scope of the concepts of "private and family life", as interpreted within the context of Article 8 of the Convention, and the core principles that can be distilled from the case-law cited above (see paragraph 47 above), the Court now finds that a request by a close family relative, like the applicant in the present case, to exhume the remains of a deceased family member for transfer to a new resting place falls in principle to be examined under both aspects of this provision of the Convention. However, the Court makes clear that the nature and scope of this right, and the extent of the State's obligations under the Convention in cases of this type, will depend on the particular circumstances and the facts adduced.

49. In the present case, the Court recalls that the scope of the applicant's complaint before this Court is directed at the national court's refusal to rule on her claim on the merits. Her claim, as presented before the Court of First Instance (see paragraph 6 above), consisted of her inviting the national court to establish that she had a right to carry out an exhumation of her husband's remains and to transfer them to the burial plot in BIH. The defendant in those civil proceedings was her husband's nephew. The Court of First

Instance rejected her claim, a judgment which was confirmed on appeal to the High Court in Podgorica (see paragraph 11 above). Moreover, her constitutional appeal was dismissed by the Constitutional Court on 14 February 2017 (see paragraph 13 above).

50. In the light of the above, and contrary to the case of *Elli Poluhas Dödsbo* (cited above), the substance of the applicant's complaint is directed at the lack of a substantive examination by the national courts of her claim in civil proceedings against a third party. Therefore, the present case concerns an issue of the State's positive obligations in the sphere of relations between individuals and requires primarily an examination by the Court of whether an appropriate legal framework to regulate the situation at issue was in place and the Court's assessment of the conduct of the domestic authorities in that respect (see *Bărbulescu v. Romania* [GC], no. 61496/08, § 115, 5 September 2017 (extracts)).

51. In this regard, the Court recalls its consistent case-law to the effect that while the State's obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life or family life, the choice of the means calculated to secure compliance with Article 8 of the Convention in the sphere of the relations of individuals between themselves is in principle a matter that falls within the Contracting States' margin of appreciation, whether the obligations on the State are positive or negative. There are different ways of ensuring respect for private life and the nature of the State's obligation will depend on the particular aspect of private or family life that is at issue. Even though the boundaries between the State's positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition, the applicable principles are, nonetheless, similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see *Bărbulescu,* cited above, § 113). The breadth of this margin varies and depends on a number of factors, including the nature of the Convention right in issue, its importance for the individual, the nature of the interference and the object pursued by the interference (see *S. and Marper v. the United Kingdom* [GC], nos. 30562/04 and 30566/04, § 101-102, ECHR 2008).

52. The Court has already held, in a case in which the domestic authorities refused to allow the applicant to exhume and transfer her husband's urn, that this assessment

entailed weighing the individual's interest in effecting a burial transfer against society's role in ensuring the sanctity of graves. In the Court's view, this is such an important and sensitive issue that the States should be afforded a wide margin of appreciation (see *Elli Poluhas Dödsbo*, cited above, § 25).

53. The Court notes that the applicant in the present case wanted to exhume and transfer her husband's remains, but they had been buried in his nephew's burial plot together with the remains of some other family members, and the remains of all the occupants of the plot had become mixed up. Even though the domestic legislation did not explicitly provide that the nephew's consent was necessary for the exhumation, this was in fact the case. Notably, both undertakers and the relevant sanitary inspectorate affirm, *inter alia*, that the consent of the owner of the burial plot is in practice required (see paragraphs 14-15 above). In the absence of such consent, no permit can be issued and no exhumation can be undertaken. Furthermore, tampering with graves and cadavers without a permit constitutes a criminal offence (see paragraphs 21-23 above). The applicant's interest in the exhumation and transfer of her husband's remains therefore has to be weighed not only against society's role in ensuring the sanctity of graves, but also against the rights of her husband's nephew.

54. The Court found in *Elli Poluhas Dödsbo* (cited above, § 28) that the national authorities had acted within the wide margin of appreciation afforded to them in such matters, given that they had taken all the relevant circumstances into consideration and had weighed them carefully against each other, giving relevant and sufficient reasons for their decision. As regards the present case, apart from considering whether the exhumation and removal, in practical terms, were possible and/or easy and whether there were any public-health interests involved, there are a number of other issues that required clarification. In particular, it was not clarified whether the applicant's husband had lived in BIH and whether the burial plot there was the applicant's alone or if they had acquired it jointly with the aim of them both being buried there one day. It also appears that there was a dispute as to whether the applicant's husband had been buried in Montenegro pursuant to his own wish or not. It was not clarified either whether there is anything preventing the applicant from having her final resting place in the same burial spot as her husband in the event that the exhumation is not undertaken.

> 55. As the case concerns the State's positive obligation to balance competing interests of individuals (see paragraph 50 above), the Court shall examine whether the respondent State put in place an appropriate legal framework to balance any competing interests, and whether it identified and properly balanced such interests in the present case.
>
> 56. As regards the appropriate legal framework the Court firstly notes that the domestic legislation appears not to regulate situations such as the one in the present case – that is to say it does not provide a mechanism by which to review the proportionality of the restrictions on the relevant Article 8 rights of the applicant (see *Solska and Rybicka v. Poland*, nos. 30491/17 and 31083/17, § 126 *in fine*, 20 September 2018). Notably, neither the 1988 Rules on the Conditions and Methods of Exhuming and Transferring Deceased Persons (see paragraph 24 above), nor any other piece of legislation set forth any substantive standards for resolving disputes among family members regarding exhumation, or the final resting place, of the remains of a late relative. In addition, the body in charge of resolving such disputes was not defined. In particular, the domestic courts took the standpoint that the applicant needed to lodge a request with the administrative body, which in turn could not follow any such request in the absence of the third party's (i.e. the late husband's nephew's) consent. The administrative bodies, as already noted, do not in general deal with such issues. In the event of a dispute, they instruct the parties first to resolve the matter and only then to lodge a request for exhumation. Such proceedings, in the Court's view, clearly lacked the ability to balance the competing interests. Possibly, such interests could perhaps be properly balanced in civil contentious proceedings that the applicant actually initiated.
>
> 57. The civil courts, however, failed to recognize any legal interest on behalf of the applicant by holding that the applicant had not had any "property-related, status-related and any other interests in her claim", a view which was confirmed at the later stages of the proceedings. Thereby, the domestic courts' dealing with the applicant's claim failed to recognize existence of her rights under Article 8 and, consequently, to properly balance them against the competing interests of her husband's nephew.

54. Ma jidhirx li, sa issa, l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew tal-Qrati Maltin, qatt ittrattat il-kwistjoni jekk l-artikolu 8 jinkludix ukoll id-dritt ta' qraba għal awtopsja privata fuq il-kadavru ta' persuna mejta.

55. It-tifsira ta' "ħajja tal-familja" u "ħajja privata", li m'humiex esklussivi, neċessarjament jirreferu għar-relazzjonijiet li l-individwu jkollu mal-persuni ta' madwaru, liema relazzjonijiet jistgħu jitqiesu, skont it-tifsira awtonoma tal-Konvenzjoni, familjari jew privati. Ir-relazzjoni li r-rikorrenti kellhom mat-Tabib Megally indubbjament kienet waħda li tirrientra fid-definizzjoni tal-ħajja tal-familja u tal-ħajja privata tagħhom, u l-fatt li Dr Megally miet ftit li xejn tinċidi fuq il-kwalità ta' dik ir-relazzjoni fl-ambitu tal-artikolu 8.

56. Ġie deċiż, kif rajna, li kull persuna għandha l-jedd li tipparteċipa jew tattendi għall-funeral ta' qarib tagħha, kif ukoll li l-eżekuzzjoni ta' awtopsji fuq jew teħid ta' organi minn kadavru mingħajr il-kunsens jew kontra r-rieda tal-qraba lkoll jirrientraw fl-ambitu tal-artikolu 8. Ir-raġuni loġika għal dik il-konklużjoni hija li dawk l-atti msemmija (ċjoè l-funeral u nterventi fuq il-kadavru) huma lkoll atti li jaffettwaw il-ħajja privata u familjari tal-qraba superstiti, u dan billi jħallu l-effett indelibli tagħhom mhux biss fuq ir-relazzjoni residwa li dawk il-qraba superstiti jkollhom mal-mejjet, imma wkoll fuq ir-relazzjonijiet bejn il-qraba superstiti stess. Ikkunsidrata minn din l-ottika, għandu loġikament isegwi li d-determinazzjoni tar-raġuni għaliex qarib ikun miet hija daqstant ieħor parti ntegrali mill-ħarsien tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu.

57. Huwa biss loġiku li l-mewt ta' qarib viċin iħalli effett negattiv fuq il-familjari tal-mejjet, liema effett negattiv ikun aċċentwat fejn ir-raġuni tal-mewt ma tkunx magħrufa jew inkella tkun kontestata, kif ġara fil-każ odjern. Għalhekk huwa loġiku wkoll li wieħed jikkonkludi li d-dritt tal-qraba superstiti li jkunu jafu r-raġuni tal-mewt tal-qarib tagħhom huwa wkoll dritt li jidħol fl-ambitu tal-artikolu 8.

58. Issa fil-każ odjern, l-intimati jgħidu li r-raġuni tal-mewt kienet magħrufa lilhom, iżda r-rikorrenti m'aċċettawx din ir-raġuni u eżiġew l-awtopsja. L-intimati kienu lesti li jwettqu din l-awtopsja, iżda r-rikorrenti m'aċċettawx li din issir mill-intimati, u minflok riedu li ssir taħt l-awtorità ta' Maġistrat bħala parti mill-inkjesta dwar l-*in genere*. Din it-talba tagħhom però ġiet miċħuda, kif diġà rajna, billi ma ntwerix mir-rikorrenti li kien hemm il-prerekwiżiti neċessarji li jiġġustifikaw il-ftuħ ta' tali nkjesta.

59. Ir-rikorrenti issa[39] jridu li ssir awtopsja minn patoloġisti mqabbdin minnhom, u għal dan l-iskop qed jeżiġu li jingħataw il-pussess tal-kadavru in kwistjoni.

60. Issa l-Qorti m'għandha ebda eżitazzjoni sabiex tasal għad-deċiżjoni li t-talba tar-rikorrenti biex jingħataw il-pussess tal-kadavru ma tistax u m'għandhiex tintlaqa'. Għalkemm huwa minnu li d-dritt tal-qraba superstiti li jidfnu lill-qarib deċedut jidħol fil-parametri tal-artikolu 8, il-Qorti taqbel mal-intimati li d-deċiżjoni tagħhom li ma jippermettux ir-rilaxx tal-kadavru mingħajr ebda kondizzjoni – kif jitolbu r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom – kif ukoll il-liġijiet li jirregolaw kif u meta jistgħu jindifnu l-kadavri huma lkoll interferenzi fid-dritt tal-individwu għall-kadavru tal-qarib tiegħu li huma ġustifikati skont it-tieni subinċiż tal-artikolu 8, li espressament isemmi l-protezzjoni tas-saħħa pubblika bħala waħda mir-raġunijiet li abbażi tagħhom interferenza fil-ħajja privata jew familjari tal-individwu għandha titqies ġustifikata.

61. Ir-rikorrenti għalhekk ma jistgħu qatt jirnexxu fit-talbiet tagħhom għar-rilaxx inkondizzjonat tal-kadavru.

62. Proprju għaliex donnhom indunaw li dawn it-talbiet tagħhom ma kienx se jkollhom l-eżitu li xtaqu, d-difensuri tar-rikorrenti – waqt it-trattazzjoni tal-għeluq – issottomettew li r-rikorrenti jkunu lesti li, minflok ir-rilaxx tal-kadavru, jingħataw rimedji alternattivi.

63. Għalkemm il-Qorti jidhrilha li kien ikun aħjar kieku r-rikorrenti inkludew dawn ir-rimedji alternattivi fir-rikors promotur tagħhom, hija tal-fehma li xorta waħda tista' u għandha tqis il-pretensjonijiet tar-rikorrenti lil'hinn mir-rilaxx inkondizzjonat tal-kadavru kif mitlub espressament minnhom. Dan jista' jsir anki fl-assenza ta' talbiet speċifiċi skont il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati. Fid-deċiżjoni ***Edwin Bartolo et vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati noe et*** (Qorti Kostituzzjonali, 15/2/1991)[40] ġie ritenut:

> Fil-proċeduri kostituzzjonali, il-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni

[39] Għall-kompletezza, jingħad li din ix-xewqa tar-rikorrenti ġiet espressa anki matul il-proċeduri quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, kif diġà ssemma aktar qabel.
[40] Vol.LXXV.i.84.

> tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.
>
> Il-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dak li hija l-indikazzjoni preċiża ta' l-artikoli kostituzzjonali li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tiegħu – salv naturalment, u kompatibbilment mad-drittijiet ta' l-intimati li ma jiġux sorpriżi w preġudikati bil-fatt li jiġu deċiżi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunità li jeżaminawhom u jiddefendu ruħhom fuqhom – għaliex b'hekk altrimenti, jiġu preġudikati nġustament id-drittijiet tad-difiża.
>
> Il-flessibilità proċedurali li għaliha għada kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inklużi) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".
>
> Din il-liċenzja tawtorizza 'l-Qorti li tmur *ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġuni li jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk. Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformità ma dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-proċedura normali.

64. L-istess linja tal-ħsieb kienet segwita fid-deċiżjoni ***Meinrad Calleja vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2000)[41], kif ukoll aktar riċentement fid-deċiżjoni ***Francis Scerri et vs. Anthony Deguara et*** (Qorti Kostituzzjonali, 9/10/2023).

65. Għalhekk il-Qorti sejra tqis jekk seħħitx vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti minħabba l-fatt li huma ma ġewx mogħtija l-opportunità li jagħmlu awtopsja privata. B'daqshekk il-Qorti mhux se tkun qed tissorprendi lill-intimati, għaliex dan l-aspett tal-pretensjoni tar-rikorrenti kien artikolat minnhom kemm-il darba, kemm waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u kemm quddiem din il-Qorti.

66. Kif diġà ingħad, il-Qorti kkonkludiet illi d-dritt tar-rikorrenti li jsiru jafu r-raġuni tal-mewt ta' qarib viċin tagħhom jidħol fl-ambitu tal-artikolu 8. Issa fil-każ odjern, raġuni

[41] Vol.LXXXIV.i.24.

tal-mewt ġiet mogħtija mill-intimati lir-rikorrenti, li però m'aċċettawhiex. In-nuqqas t'aċċettazzjoni min-naħa tar-rikorrenti dwar din ir-raġuni tal-mewt huwa naxxenti mis-suspetti tagħhom li Dr Megally miet b'konsegwenza ta' negliġenza fit-trattament mediku somministrat lilu. Kwistjoni din li l-Qorti f'din il-kawża m'għandha bl-ebda mod tippronunzja ruħha dwarha.

67. F'ċirkostanzi bħal dawn għalhekk il-Qorti ma tqisx li huwa irraġjonevoli li l-qraba superstiti jingħataw il-fakultà li jeżegwixxu awtopsja b'mod privat, naturalment taħt dawk il-kontrolli li jistgħu u għandhom jiġu mposti għall-ħarsien tas-saħħa pubblika. U l-Qorti ma tarax li ċ-ċaħda ta' din il-fakultà tista' tiġi ġustifikata taħt xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fit-tieni subinċiż tal-artikolu 8.

68. L-oġġezzjoni tal-intimati għal din il-pretensjoni tar-rikorrenti hija li (i) l-kadavru m'għandux jiġi rilaxxat lir-rikorrenti, irrispettivament mill-użu li beħsiebhom jagħmlu minnu; (ii) li kwalsiasi awtopsja tista' ssir biss f'lok li huwa liċenzjat għal dak l-iskop u minn patoloġisti forensiċi li huma debitament imniżżla fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku; (iii) li l-uniċi postijiet liċenzjati huma sptarijiet pubbliċi li ma jistgħux jintużaw b'mod privat. Fil-proċeduri quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-intimati kienu anki esprimew ix-xewqa li wieħed mill-patoloġisti nvoluti fl-awtopsja jkun magħżul minnhom, u jirriżulta li din kienet materja diskussa bejn il-kontendenti f'tentattivi sabiex jinstab kompromess għall-kwistjoni.

69. Ma tressqet ebda prova biex tmeri l-prova li saret mill-intimati fis-sens li fil-Gżejjer Maltin, l-uniku lok li huwa liċenzjat għall-eżekuzzjoni ta' awtopsji huma sptarijiet pubbliċi. Mhux ħaġa kbira biex f'pajjiż bħal tagħna, minħabba ċ-ċokon tiegħu, ma jkunx hemm entità privata li tkun talbet jew kisbet liċenzja bħal din. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-ħtieġa li awtopsja ssir f'lok liċenzjat u mhux fi kwalsiasi post ieħor hija ħtieġa raġjonevoli u ġustifikata. Hekk ukoll hija ħtieġa raġjonevoli u ġustifikata dik li l-awtopsja ssir biss minn speċjalisti mediċi debitament reġistrati mal-awtoritajiet lokali skont il-liġi domestika. Iżda dawn il-ħtiġiet ma humiex suffiċċjenti sabiex jeżoneraw lill-Istat minn kull obbligu tiegħu.

70. Diġà rajna li l-artikolu 8 joħloq ukoll obbligazzjonijiet pożittivi fuq l-Istat, u ċjoè dmir li jipprovdi sistemi jew miżuri li jwasslu għall-ħarsien tal-jeddijiet protetti bl-artikolu

8. Obbligazzjoni pożittiva li tfisser li l-Istat irid jipprovdi hu dak li forsi m'huwiex disponibbli privatament. Fi kliem ieħor, jekk l-uniku lok liċenzjat fejn issir awtopsja huwa sptar pubbliku, mela allura huwa hemmhekk li dik l-awtopsja privata għandha ssir. Ir-rikorrenti Margarita Megally Cassar xehdet li l-Isptar intimat kien infurmaha b'miżata li hija mistennija li titħallas f'każ li ssir awtopsja minħabba kontestazzjoni tal-familjari dwar ir-riżultati tal-awtopsja magħmula mill-Isptar. Dan ġie kkonfermat minn David Grima. Il-provi juru wkoll li jkun hemm każijiet fejn isiru awtopsji fuq individwi li jmutu barra mill-ibħra territorjali Maltin fl-Isptar intimat u jitħallsu wkoll mill-privat[42]. Ma ngħatat ebda raġuni siewja għaliex dan ma jistax isir ukoll fil-każ tar-rikorrenti, versu l-ħlas li huwa diġà ddepożitat fir-Reġistru tal-Qrati.

71. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti qed issib li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, konsistenti mill-fatt li l-intimati mhux qed jippermettu lir-rikorrenti li jeżegwixxu din l-awtopsja privata, u għalhekk se tkun qed tagħti, permezz ta' din is-sentenza, l-ordnijiet opportuni li għandhom jikkostitwixxu rimedju għall-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti.

72. Għall-kompletezza, l-Qorti tosserva li ż-żmien li matulu l-kadavru ta' Dr Megally għamel miżmum fil-kamra mortwarja tal-Isptar intimat mhux imputabbli lill-intimati, in kwantu l-parti kbira ta' dak iż-żmien ittieħed mill-proċeduri mressqin mir-rikorrenti fil-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u li ma kellhomx eżitu pożittiv. Il-ksur tal-artikolu 8 għalhekk qed jinstab unikament minħabba r-rifjut tal-intimati li r-rikorrenti jeżegwixxu awtopsja privata, liema rifjut ma jirriżultax li huwa ġustifikat la minn xi liġi ordinarja li tipprekludi li dan isir, u lanqas mit-tieni subinċiż tal-artikolu 8.

73. Din il-Qorti mhux se tkun qed tagħti ordnijiet dwar ħlas ta' danni, għaliex ir-rikorrenti mhux biss ma talbux danni, imma espressament irriservaw dik il-pretensjoni tagħhom għal azzjoni ulterjuri.

74. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[42] Ara a tergo ta' fol.190.

i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati biss billi teħles lill-Ministru intimat mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiċħadha sa fejn tirrigwarda l-intimati l-oħrajn;

ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn tal-intimati;

iii) tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-intimati sa fejn huma inkompatibbli ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

iv) tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti billi:

(a) tiddikjara li l-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ivvjolaw id-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(b) tordna lil dawn l-intimati sabiex jagħtu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa sabiex issir awtopsja fuq il-kadavru tat-Tabib Naged Megally, liema awtopsja għandha ssir:

- fil-lok liċenzjat għall-eżekuzzjoni tal-awtopsji fl-Isptar Mater Dei,
- minn żewġ patoloġisti forensiċi magħżulin u mħallsin mir-rikorrenti, liema speċjalisti mediċi għandhom ikunu debitament reġistrati fuq ir-Reġistru applikabbli tal-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku,
- fil-presenza ta' osservatur magħżul mill-Isptar intimat, sabiex jiġi assikurat li l-awtopsja tiġi eżegwita skont ir-regolamenti applikabbli;
- versu ħlas lill-Isptar intimat f'ammont daqs dak depożitat mir-rikorrenti fit-8 ta' Marzu 2024 biċ-ċedola numru 557/2024,
- sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, liema żmien jista' jiġi prorogat mill-Qorti għal raġuni tajba;

v) tiċħad it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti;

vi) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) ikunu sopportabbli mir-rikorrenti u in kwantu għal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) ikunu sopportabbli mill-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika solidalment bejniethom.

Fl-aħħar nett, minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u fid-dawl tal-ħeffa li bih instemgħet din il-kawża, u fit-termini tal-artikolu 4(3) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, il-Qorti qed tqassar iż-żmien tal-preżentata tar-rikors tal-appell għal ħamest ijiem, b'dan li l-parti appellata jkollha wkoll ħamest ijiem min-notifika biex tressaq ir-risposta tal-appell.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur